KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 409 (8-37)

It-Tnejn 21 ta' Ġunju 2021 fis-6.00 ta' filgħaxija

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' online (skond Direttiva 7/2020).

PREŻENTI:

Is-Sindku Dominic Grech
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit
Il-Kunsillier Kurstein Nicholas Sant (daħal għal-laqgħa fis-6.30pm)
Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsillier Francine Farrugia

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Il-Kunsillier Adrian Farrugia

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**409.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Kulħadd kien preżenti.

**409.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

**409.2.1** Inqraw il-Minuti tas-Seduti 407. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni.
Il-Viċi Sindku issekondat.
Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett.

**409.2.1** Inqraw il-Minuti tas-Seduti 408. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni.
Il-Viċi Sindku issekondat.
Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett.

**Punti li joħorġu mill-Minuti**

Ma tqajjmux punti mill-Minuti.

**409.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**409.3.1** Is-Sindku rrefera għat-talba mill-Għaqda Każin Banda San Nikola kif spjegata f'Minuti 407.3.3. Huwa qal li wara li l-Kunsill talab aktar informazzjoni fuq it-talba, irrispondew li l-arblu ta' Triq Santa Margerita fid-daħla tas-Siġġiewi ikun b'mod permanenti, filwat li l-arbli mar-roundabout ta' Dr. Nikola Zammit ikunu temporanji u jintramaw biss matul festi u okkażjonijiet speċjali oħra. Is-Sindku qal ukoll li it-tqegħid ta' l-arbli jirrikjedi permess RWP minn Transport Malta peress li ħa jintmiss wiċċ it-triq, f'każ li l-Kunsill japprova t-tqegħid tagħhom. Rigward l-arbli u anka t-talba għal manutenzjoni tar-roundabout mill-istess għaqda, is-Sindku qal li huwa l-ħsieb tal-Kunsill li fi żmien qarib isir intervent għar-restawr tal-monument u allura l-Kunsill għandu jieħu diversi fatturi in kunsiderazzjoni qabel jippermetti li jsir xi tip ta' intervent fil-post, speċjalment dwar issues ta' sigurta'.

**409.3.2** Is-Sindku rrefera għal Ċirk AKL2021/056 – *Allotment Gardening Proposal – Community Gardening*, inizjattiva minn Parks Malta flimkien mal-Ministeru għall-Enerġija, Intrapriża u Żvilupp Sostenibbli. Huwa qal li l-proġett jikkonsisti f'identifikazzjoni ta' biċċiet ta' art fiż-żona urbana li tiġi assenjata lir-residenti biex jieħdu ħsiebha bħala soċjeta, b'miżata minima, filwaqt li d-Dipartiment jieħu ħsieb it-tisqija b'mezz ta' irrigazzjoni. Il-Kunsill qabel mal-proposta u ġew identifikati biċċiet ta' art li bħalissa jinsabu abbandunati, fi Triq Dun Manwel Zammit, ħdejn il-grawnd u l-oħra fit-tarf l-ieħor qabel iddur għal Triq Papa Pawlu Vi, u biċċa oħra fi Triq Mons. F.X. Mangion tmiss mal-open gym in-naħa ta' Triq Ġmiel il-Widien.

**409.3.3** Is-Sindku informa li l-applikazzjoni għal fondi fl-iskema 'Proġetti fil-Komunita'' ġiet milqugħa, bit-titlu tal-proġett 'Żvilupp ta' reading garden fil-lokalita', għall-ammont ta' €65,165. Huwa qal li dan ikopri it-80% tal-ammont finali tal-proġett. Is-Sindku kompla li peress li l-applikazzjoni mad-Dipartiment tal-Artijiet għadha qed tiġi proċessata, flimkien ma' dik tal-proġett ta' Triq Salvu Bolg Olivier, ser issir laqgħa mad-Dipartiment biex jimxi l-proċess. Huwa qal li malli jkun hemm l-approvazzjoni tal-Lands, nipproċedu għall-applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar.

**409.3.4** Is-Sindku informa li ġie preżentat il-proġett propost tal-Family Park fi Triq Salvu Borg Olivier mal-INDIS li qed taħdem fuq proġetti kapitali f'diversi lokalitajiet. Huwa qal li l-proġett kif introdott intlaqa' b'interess kbir. Is-Sindku qal li iktar informazzjoni dwar żviluppi tingħata iktar 'il quddiem. Il-Kunsillier Francine Farrugia talbet li peress li kienet responsabbli għall-applikazzjoni ta' fondi għal parti minn dan il-proġett taħt skema oħra, titlob li tkun preżenti f'laqgħat fejn jirrigwardjaw finanzjament għal dan il-proġett.

**409.3.5** Is-Sindku informa li nhar il-Ġimgħa 25 ta' Ġunju 2021 fil-11.00 ta' filgħodu, ser ikun hemm konferenza stampa mill-Ministru Ian Borg, flimkien ma' Uffiċjali mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbiċi fejn ser jitħabbar li fil-ġimgħat li ġejjin ser jibda x-xogħol fuq iz-zuntier tal-Knisja. Is-Sindku qal li wara insistenza tal-Kunsill għal diversi snin, u anka t-talba tal-komunita' Siġġiwija, din it-talba bi pjaċir intlaqgħet. Huwa qal li l-Kunsill kollu mistieden jattendi. Il-Kunsillier Julian Borg staqsa dettalji tax-xogħolijiet li ser isiru fuq iz-zuntier tal-Knisja, jekk hux tiswija jew tibdil. Is-Sindku qal li jifhem li hemm diversi domandi iżda m'għandux informazzjoni dwar dan. Huwa qal li nhar il-Ġimgħa stess jintalbu dettalji tekniċi dwar il-proġett.

**409.4** **Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**409.4.1** Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit staqsiet jekk ir-Rapport Amministarttiv kienx ġie sottomess. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet fl-affermattiv peress li hemm data sa meta dan irid jiġi mibgħut.

**409.5** **Tenders**

**409.5.1** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil Kunsill li din is-sena jiskadi it-tender tal-Patching works u talbet l-approvazzjoni biex jibda l-proċess tal-ippublikar tat-tender. Il-Kunsill unanimanet approva.

**409.5.2** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-polza tal-assikurazzjoni li tkopri Public Liability, il-binja, u dak kollu li hemm fiha u l-impjegati, tiskadi fid-9 ta' Lulju 2021 u talbet lill-Kunsill l-approvazzjoni għal tiġdid għal sena oħra. L-ammont tal-polza huwa ta' €4688.81. Il-Kunsill unanimament approva li jsir it-tiġdid.

**409.6** **Proġett 'Sorġi' – Update**

Is-Sindku rrefera għal proġett propost minn AHAobjects, taħt inizjattiva tal-Kunsill tal-Arti u approvat mill-Kunsill xhur ilu għall-installazjoni ta' bank magħmul minn materjal ta' kostruzzjoni riċiklat fil-Bajja ta' Għar Lapsi. Is-Sindku qal li dan il-proġett kien ġie magħżul biex jirrapreżenta lil Malta fi proġett ECO Solidarity fi New York, inizjattiva Mill EUNIC (European Union National Institutes for Culture). Is-Sindku talab l-approvazzjoni ta' €350 bħala miżata ta' parteċipazzjoni f'dan il-proġett. Il-Kunsill approva din l-ispiża. Dan il-proġett ser jiġi esibit ukoll f'wirja lokali mnedija mill-Kunsill tal-Arti.

**409.7** **Ċirkolari AKL 2021/047 – Kontroll tal-ħamiem selvaġġ fil-lokalitajiet – Approvazzjoni ta' Bye-Laws**

Is-Sindku qal li l-AKL kienet ikkonkludiet il-proċess ta' procurement dwar it-trażżin tal-ħamiem selvaġġ fil-lokalitajiet, permezz ta' għalf li jiprevjeni ir-riproduzzjoni tal-ħamiem. Huwa qal li l-Kunsill kien identifika postijiet fejn huma l-iktar problematiċi, u għalkemm fil-lokalita' l-problema mhix kbira daqs ċertu lokalitajiet, il-problema tal-ħamiem xorta tikkawża ħmieġ u ħsarat f'diversi binjiet. Is-Sindku qal li kull Kunsill ġie

mitlub japprova bye-law, liema draft qed tiġi preżentata, biex iċ-ċittadini ma jgħalfux ħamiem u biex din tkun tista tiġi infurzata.

Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit qalet fis-Siġġiewi hawn problema bil-ħmieġ tal-ħamiem, f xi toroq. Hija qalet li l-bye-law kif miktuba ma tispeċifikax ikel għal ħamiem, x jikkonsisti u ghalhekk ghandu jkun kjarifikat b'aktar dettalji.
Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li jsir il-proċess tal-għalf tal-ħamiem biex sussegwentement jiġi sterilizzat, iżda ma kienx hemm qbil li ssir l-bye-law kif suġġerita minħabba r-raġuni msemmija hawn fuq.

Il-Kunsillier Kurstein Sant daħal għal-laqgħa fis-6.30 ta' filgħaxija.

**409.8 Memorandum ta' ftehim dwar il-ħaxix selvaġġ mal-Malta Beekeepers Association**

Is-Sindku rrefera għal Memorandum ta' fethim bejn l-Assoċjazzjoni tan-naħħala Malta u l-Kunsilli Lokali. L-għan tal-ftehim huwa li l-Kunsill firmatarju jintrabat li ma jneħħix ħaxix selvaġġ mill-passaġġi rurali sal-31 ta' Mejju għal raġunjiet marbuta mal-pollination tan-naħal u l-preżervar tal-flora u fawna rurali Maltija. Is-Sindku qal li iż-żona rurali tas-Siġġiewi hija t-tielet l-akbar f'Malta u preżentement diġa hija problema biex inlaħħqu mal-ħaxix ħażin fit-toroq rurali minħabba li t-toroq huma dojoq u tingħalaq l-aċċessibilta' lill-bdiewa. Huwa qal li fiż-żmien imsemmi l-Kunsill ikun għaddej bi pjan ta' tindif fiż-żona tas-Salib tal-Għolja minħabba l-attivita annwali tal-Mixgħela. Huwa qal li bħala prinċipju jaqbel perfettament mal-iskop iżda ma jistax jiġi injorat il-fatt li dawn it-toroq iridu jkunu aċċessibbli. Huwa talab il-fehma tal-Kunsilliera.

Il-Kunsillier Julian Borg qal li bħala ħsieb ambjentali huwa pożittiv ħafna, iżda mhux idejali meta tqis li l-Kunsill kontinwament għaddej b'tindif u qtugħ ta' ħaxix fir-rurali permezz ta' kuntratt apposta.

Il-Kunsillier Kurstein Sant qal li jkun hemm żmien biżżejjed għal pollination min-naħal peress li l-qtugħ ta' ħaxix isir b'rutina u jinqata b'żoni.

Il-Kunsillier Francine Farrugia qalet li għandu jkun hemm għarfien mal-pubbliku li mhux kull ħaxix selvaġġ huwa ħaxix ħażin. Hija qalet li għandu jkun hemm distinzjoni bejn tindif ta' ħaxix li jikber u jagħlaq l-aċċessibilta' għat-toroq tal-bdiewa u ċertu fjuri li jikbru mal-ġenb tat-toroq li ma joħolqu l-ebda tfixkil għal mogħdija.

Wara d-diskussjoni, kien hemm qbil li l-Kunsill ma jidħolx f'tali ftehim.

**409.9 Ċirkolari AKL 2021/051 – Permessi għal armar ta' big screens' jew attivita' oħra**

Is-Sindku rrefera għaċ-ċirkolari li tirregola l-permessi, biex il-Kunsilli Lokali ma joħorġu ebda permessi għall-armar ta' big screens jew għal xi attivita' oħra, li b'loġika tkun ovvja li tali attivita' tista' tiġbed aktar minn sitt persuni fil-pubbliku u dan skond Direttivi fis-seħħ mid-Dipartiment tas-Saħħa. Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat dan ukoll mal-Ispettur tad-Distrett u m'għandu jinħareġ l-ebda permess mill-Kunsill għal ebda attivita' fuq barra. Fil-jiem li ġejjin, l-Ispettur ser isejjaħ laqgħa mas-sidien tal-bars u każini dwar dan biex tiġi sjegata s-sitwazzjoni.

Is-Sindku rrefera wkoll għal Mandat bejn l-MTA u l-AKL sabiex jinħarġu permessi temporanji lil 'catering establishments' għal 'catering' fuq barra, wara li jkun hemm konsultazzjoni mal-Kunsill Lokali fuq kull talba. Dan il-ftehim huwa indikat biss għal

stabbilimenti tal-catering li diġa huma liċenjati mal-MTA.

Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit qalet li ftehim simili diġa ġie diskuss fil-Kunsill xi xhur ilu, u ma jistgħux jiġu injorati ir-residenti u s-sigurta'.

Il-Kunsillier Kurstein Sant qal li il-ftehim ma jispeċifikax min ikun responsabbli għas-sigurta' jekk jinħareġ permess li jintramaw imwejjed u siġġijiet f'parking bay, 'l isfel mill-bankina.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ftehim jispeċifika 'regularly licenced catering establishments' u ma jissemmiex jekk dawn jinkludux każini u bars.

Is-Sindku propona li ssir diskussjoni interna bejn il-Kunsill u jekk hemm bżonn issir laqgħa mas-sidien tal-istabbilimenti wara li jkunu ġew kjarifikati xi punti. Huwa propona li malli jkollna l-informazzjoni kollha, ssir Seduta b'urġenza biex ma jintilifx l-iskop.

Il-Kunsilliera Francine Farrugia semmiet każ ta' stabbiliment partikolari f'lokalita' oħra li minħabba ġemgħat ta' nies ġie revokat il-permess. Hija staqsiet min ser jinforza li r-restrizzjonijiet jiġi osservati.

Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tiċċekja eżatt dawn id-dubji u tinforma lil Kunsilliera biex is-suġġett jiġi diskuss f'Seduta b'Urġenza nhar il-Ħamis l-1 ta' Lulju 2021 fis-6.00pm.

**409.10 Proposta ta' ġemellaġġ mal-Belt ta' Beit Jala fil-Palestina**

Is-Sindku qal li ġie kkuntattjat minn rappreżentant fl-Uffiċċju ta' Malta fil-Palestina u preżenta korrispondenza għal proposta ta' ġemellaġġ mal-Belt ta' Beit Jala biex ikun skambju ta' kultura u tradizzjonijiet bejn iż-żewġt ibliet. Huwa qal li din il-belt hija famuża għal katidral iddedikat lil San Nikola li huwa l-qaddis protettur tagħhom, konnessjoni komuni mas-Siġġiewi. Huwa talab lill-Kunsill jikkunsidra din it-talba u l-proposta x'tista toffri għal benefiċċju lokali.

Il-Kunsillier Kurstein Sant qal li ma jarax li l-fatt li l-fattur komuni huwa l-qaddis protettur hija biżżejjed biex titqies bħala bażi għal ġemellaġġ.

Is-Sindku preżenta wkoll korrispondenza mid-Dipartiment għal Gvern Lokali bis-suġġett 'Sejħiet għall-proġetti taħt il-Programm il-Ġdid tal-Unjoni Ewropea CERV – Town Twinning/ Network of Towns'. Huwa qal li l-Kunsill għandu jikkunsidra li japplika għal proġett simili li minnhom jistgħu joħorġu diversi benefiċċji. L-applikazzjoni tagħlaq fis-26 t'Awissu 2021.

**409.11 Sotto-Kumitat Infrastruttura – update tax-xogħolijiet**

Is-Sindku qal li d-dekasteru tal-Infrastruttura qiegħed preżentement jaħdem fuq diversi arranġementi tat-traffiku u anka inizjattivi. Il-proposti għandhom jgħaddu quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

Il-Kunsillier Julian Borg staqsa x'tibdil kien hemm fl-istruttura tad-dikasteru. Is-Sindku wieġeb li kien hemm tibdil dwar kif jiġu trattati 'issues' tat-traffiku, kif jiġu strutturali d-deċiżjonijiet u li finalment kull deċiżjoni għandha tiġi preżentata quddiem il-Kunsill.

**409.12 Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

Il-Kunsillier Julian Borg ġibed l-attenzjoni fuq dawn l-applikazzjonijiet, biex tinġieb iktar informazzjoni mill-Perit:

PA3274/21 Qrendi Farms, Tal-Qampiena Area, Triq ta' Ghar Lapsi, Siggiewi
PA3980/21 74-75, Respite Centre, Triq tan-Nofs, Siggiewi

Il-Kunsillier Borg ġibed l-attenzjoni dwar DNO għal barriera fil-Fawwara biex tintuża għal offroading, applikazzjoni li ilha mit-2017.

Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit ħarġet fis-7.50 ta' filgħaxija.

**409.13 Rapport tal-Korrispondenza**

Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżentat ir-rapport tal-korrispondenza li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**409.13.1** Recycling Points (Bring in Sites)
Is-Sindku rrefera għal korrispondenza minn Green MT bis-suġġett Recycling Points (Bring in Sites), fejn qed issir referenza għal Avviż Legali li jobbliga li jkun hemm bring in site għal kull 2000 resident. Is-Sindku qal li bħalissa is-Siġġiewi haw sit wieħed li minkejja li hemm cctv, l-abbuż huwa kontinwu. Huwa qal li l-Kunsill qed jeħel spejjeż żejda biex isir tindif tas-sit tal-ħmieġ li jkun hemm mormi fiż-żona, u qed isir kuntatt kontinwu mal-LESA biex isir infurzar. Manandkollu, c-cctvs jgħinu biss biex jiġu identifikati persentaġġ żgħir ta' nies li jabbużaw, u l-problema mhix faċilment kontrollabbli, anka għal fatt li l-area qegħda fl-imwarrab u anka l-fatt magħruf tal-containers. Għaldaqstant, minkejja li hemm Avviż Legali, u meta tikkunsidra l-problema eżistenti, ma ġewx identifikati siti fejn isiru bring-in sites addizzjonali.

**409.13.2** Charging Pillars
Is-Sindku rrefera għal korrispondenza mis-Segretarjat MESD bis-suġġett 'Charging pillars' fejn infurmaw li minħabba li ma ġewx identifikati siti għal charging pillars fil-lokalita', il-Ministeru iddeċieda li jipproċedi bl-istrateġija u l-implimentazzjoni mingħajr ma' l-lokalita' tiġi inkluża. Is-Sindku qal li għalissa saret pillar waħda fi Pjazza San Nikola u charging pillars oħra qegħdin inklużi fil-proposta tal-proġett fi Triq Salvu Borg Olivier. Il-Kunsilliera Francine Farrugia issuġġeriet li jiġi propost li ssir waħda f'Għar Lapsi u fi Triq Dun Manwel Zammit. Il-Kunsillier Julian Borg qal li biż-żieda kontinwa ta' residenti, mhux vjabbli li jintaqqsu postijiet ta' parkeġġ fiż-żona urbana f'dan l-istadju.

**409.14 Rapport tal-ilmenti**

Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**409.15 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.
Is-Sindku propona li l-Kunsill japprova il-lista tal-pagamenti. Il-Viċi Sindku issekondat u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**409.16 Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**409.16.1** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil Kunsill li qed jidħlu diversi talbiet għal lampi ġodda speċjalment fiż-żona rurali. Hija qalet li it-talbiet jiġu indirizzati lil Enemalta li minn naħa tagħhom jagħmlu spezzjoni fil-post. Hija qalet li skond feedback mill-Enemalta, ikun hemm każi fejn id-dawl ma jkunx għaddej mill-viċin, allura dan jinkorpora spiża lill-applikant (l-individwu). Każi oħra li jkun hemm bżonn arbli, dawn jitwaħħlu biss jekk jinħareġ permess mill-PA għal kull arblu. Hemm każi oħra fejn ikun hemm kollox milli ssemma iżda jonqos biss l-arm u l-bozza. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed tiġbor din l-informazzjoni għal kull talba li daħlet l-uffiċċju u f'każ li jkun jeħtieġ biss l-intervent tal-Kunsill għall-installazjoni ta' arm, tressaqha Kunsill għad-deċiżjoni. Il-Kunsillier Kurstein Sant qal hu ma jaqbilx li jiżdiedu ammont ta' bozoz fiż-żona rurali minħabba light pollution, u li l-Kunsill għandu jagħmel distinzjoni jekk hemmx bżonn id-dawl għax hemm residenza jew biex bidwi jara biex jiftaħ ix-xatba ta' għalqa.

**409.16.2** Il-Kunsillier Julian Borg staqsa jekk hemmx xi żviluppi dwar it-traffic management fi Triq il-Knisja l-Qadima, u Triq San Ġakbu biex din isiru one-way għax jaf li diġa kien qed jaħdem fuqha d-dekasteru żmien ilu. Is-Sindku qal li id-dekasteru għandu jgħaddu l-proposti tiegħu fi żmien qasir.

**409.16.3** Il-Kunsillier Julian Borg staqsa jekk hemmx xi żviluppi dwar il-każ tas-Sinjuri Cutajar dwar l-art fi Triq Mons Mikiel Azzopardi u t-talba li kienu għamlu lill-Kunsill. Is-Sindku qal li l-każwa li fetħu s-Sri. Cutajar għadha għaddejja. Huwa qal ukoll li bħalissa l-Kunsill għandu applikazzjoni pendenti mad-Dipartment tal-Artijiet u allura ma jista' jsir l-ebda xogħol qabel jinħarġu l-permessi rilevanti.

**409.16.4** Il-Kunsilliera Francine Farrugia ġibdet l-attenzjoni li hemm bżonn ta' manutenzjoni u tindif fiż-żona ta' Ramija Housing Estate kemm tal-planters, ċnut u anka tindif ġenerali. Is-Sindku wieġeb li bħalissa għaddej xi xogħol mid-Dipartment tad-Djar fil-post u l-Kunsill diversi drabi ġibed l-attenzjoni dwar ħmieġ, u anka l-bdil taċ-ċint tal-kantun.

**409.16.5** Il-Kunsillier Kurstein Sant ġibed l-attenzjoni li hemm bżonn iżjed tisqija f'dawn ix-xhur tas-Sajf speċjalment fi Triq Mons Mikiel Azzopardi u fejn hemm siġar li milhomx li tħawlu.

**409.17** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa intemmet fis-8.00 ta' filgħaxija.

Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 12 ta' Lulju 2021 fis-6.00 ta' filgħaxija. Il-Kunsill unanimament qabel.

Konfermati, illum 12 ta' Lulju 2021

| | |
|---|---|
| Dominic Grech | Ritienne Giorgino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |